MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta ta' l-10 ta' Ottubru, 2012

Numru. 378/2012

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR JOHANN FENECH**

**KONTRA**

**ALEXANDRA PACE ta’ 48 sena, bint Francis u Rebecca nee’ Frendo, imwielda Senglea nhar is-06.12.1963, residenti fil-fond Rose Bldgs, Flat 2, Triq San Mikiel, Bormla, detentrici tal-karta ta’ l-identita’ numru 48664M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra ‘l hawn fuq imsemmija **Alexandra Pace** li giet akkuzata talli nhar id-9 ta’ April, 2012 f’dawn il-Gzejjer:

1. Forniet jew ipprokurat jew offriet li tforni jew li tipprokura d-droga erojina specifikata fl-Ewwel Skeda tal-

Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, lil persuna/i jew ghal persuna/i minghajr ma kellha licenzja mill-President ta' Malta, u minghajr ma kienet awtorizzata bir-Regoli 1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), jew minn xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li tforni d-droga msemmija, minghajr ma kienet fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern, skond id-disposizzjonijiet tas-6 Taqsima ta' l-Ordinanza msemmija, u minghajr ma kellha licenzja jew xort'ohra awtorizzata li timmanifattura jew tforni d-droga, u dan bi ksur tar-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. U aktar talli bieghet jew xort'ohra ttraffikat fir-raza mehuda mill-pjanta cannabis jew f'xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza, u dan bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. U aktar talli kellha fil-pussess taghha d-droga erojina specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kinitx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza, u meta ma kinitx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzata li timmanifattura, jew li tforni d-droga msemmija, u meta ma kinitx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollha d-droga msemmija fil-pussess taghha, u naqset li tipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilha ghall-uzu taghha skond ir-ricetta kif provdut bir-Regolamenti msemmija, u dan bi ksur tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv taghha;

4. U aktar talli kellha fil-pussess taghha r-raza mehuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza, u dan bi ksur tal-Artikolu 8(a) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, liema droga nstabet f’tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv taghha;

5. U kif ukoll talli minghajr l-awtorita’ legittima, dahhlet jew ippruvat iddahhal f’xi parti tal-konfini ta’ habs, u cioe’ fil-Facilita’ Korrettiva ta’ Kordin, oggett ikun li jkun li hu pprojbit skond xi regolamenti maghmula skond l-Att dwar il-Habs, li hu specifikatament medicina perikoluza (droga erojina u cannabis), bi ksur tal-Artikolu 7(1), (2) tal-Kapitolu 260 tal-Ligijiet ta’ Malta, u r-Regolamenti maghmula taht l-istess Ligi.

Rat li moqrija l-akkuzi, l-imputata wiegbet li kienet hatja, u dan fi stadju ta’ interrogatorju.

Rat ukoll il-Kontro Ordni mibghuta mill-Avukat Generali taht il-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, kif ukoll l-Artikoli 7(1)(2) tal-Kapitolu 260 tal-Ligijiet ta’ Malta; u l-Artikoli 17, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat li moqrija l-istess, l-imputata tat il-kunsens taghha ghal proceduri sommarji, b’dan illi zammet ferm l-ammissjoni taghha (folio 117).

Rat ukoll il-Kontro Ordni mibghuta mill-Avukat Generali, taht il-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta; kif ukoll l-Artikolu 7(1)(2) tal-Kapitolu 260 tal-Ligijiet ta’ Malta; u l-Artikoli 17, 31, u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat li moqrija l-istess, l-imputata tat il-kunsens taghha ghal proceduri sommarji, b’dan illi zammet ferm l-ammissjoni taghha (folio 117).

Rat li ammessa l-akkuza, gie redatt Pre-Sentencing Report. Rat ghalhekk ir-rakkomandazzjonijiet hemm konkluzi.

Semghet it-trattazzjonijiet dwar dik li ghandha tkun il-piena idonea. Ikkonsidrat f’dan ir-rigward l-ammonti li Alexandra

Pace kienet ser iddahhal gewwa l-Facilita’ Korrettiva ta’ Kordin, kif konkluz mill-espert Godwin Sammut. Ghalhekk ikkonkluda:

1. Illi fl-estratti mehuda mit-trab ta’ lewn kannella li hemm fid-dokument 094_12_01 instabet is-sustanza eroina. Il-piz tat-trab kien ta’ 18.26 grammi u l-purita’ kienet ta’ circa 23%. Din is-sustanza hija kkontrollata taht Taqsima I tal-Ewwel Skeda, tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta.

2. Illi fuq estratt mehud mis-sustanza ta’ lewn kannella li hemm fid-dokument 094_12_010 instabet is-sustanza Tetrahydrocannabinol li hija sustanza li tigi mill-pjanta tal-kannabis. Il-piz tas-sustanza kien ta’ 17.08 grammi u l-purita’ kienet ta’ circa 6.0%. Din is-sustanza hija kkontrollata bil-Ligi taht it-Tielet Skeda Taqsima A tal-Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Illi mill-istess stqarrija rilaxxata minn Alexandra Pace, hi hemm ammettiet illi kienet ser iddahhal id-droga kemm ghal Silvio Buttigieg kif ukoll ghal persuna ohra mhux minnha msemmi.

Ikkunsidrat:

Illi tenut l-ammissjoni ta’ l-imputata, dak li qalet fl-istqarrija, ikkonsidrat ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, specjalment il-hsara kbira li l-imputata b’azzjonietha kienet ser taghmel gewwa post daqstant delikat u sensittiv bhal ma huwa l-Habs;
Qieghda ssibha hatja ta’ l-akkuzi migjuba kontra taghha, u dan wara li rat l-Artikoli 8, 22(2)(b)(i) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta; GN 292.1939; u l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 260 tal-Ligijiet ta’ Malta;
Dwar il-piena, tikkundannaha ghal piena karcerarja effettiva ta’ sentejn(2), u ghal multa ta’ €3,000.

Ai termini ta’ l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tikkundanna lill-imputata wkoll li thallas l-ispejjez peritali fl-ammont ta’ €613.20.

Tordna d-distruzzjoni tad-droga ezebita u mmarkata KB285.2012.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------